MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 285/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Bugeja talli:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2004, ghall habta ta' xis-6.20 p.m., fil-bini tal-Qorti ta' Malta, Triq Ir-Repubblika, il-Belt Valletta, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' l-Imhallef Galea Debono LL.D., weggghu bi kliem;

(2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lill-Imhallef J. Galea Debono LL.D, ingurja jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk ikun

ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-Imhallef J. Galea Debono LL.D., il-Marixxall Croce Briffa u l-Purtier John Francica;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Dicembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmelo Bugeja mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta' Dicembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat Carmelo Bugeja mill-ewwel imputazzjoni u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni u minflok issibu hati ta' din it-tieni imputazzjoni u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qieghed jappella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti rigward it-tieni imputazzjoni. L-aggravju tieghu huwa fis-sens li meta l-ewwel Qorti kkonkludiet li t-theddid kontra gudikant huwa kontemplat espressament f'artikolu iehor tal-Kodici u ma japplikax l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, hija ghamlet enuncjazzjoni zbaljata ta' l-ipotesi tal-ligi. L-appellant Avukat Generali jghid li l-artikolu l-iehor tal-Kodici Kriminali li jikkontempla theddid kontra gudikant huwa l-artikolu 93 u li skond l-awturi u gurisprudenza kostanti, dan ir-reat japplika biss meta t-theddid isir fil-prezenza tal-gudikant jew ta' persuna ohra msemmija f'dik id-disposizzjoni. Isostni ghalhekk li fil-kaz in ezami l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ghandu jitqies applikabbli.

Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant. Difatti l-Professur Sir Anthony Mamo, citat anke mill-appellant, jghid fin-Noti tieghu[1]:

**"In re: 'The Police vs George Ellul' (Criminal Appeal, 30th September 1944), Harding J. quoting Chaveau et Helie held that for the application of section 92** [illum l-artikolu 93] **the presence of the Judge or Magistrate or other judicial functionary is necessary so that the insult shall have been hurled to his face, and that he shall have heard the words or noticed the fact constituting the outrage. The same principle was also affirmed in re: 'The Police vs Arciocovich' (Criminal Appeal, 17th November 1909 - Law Reports Vol. XX, P. iv, page 37) and in re: 'The Police vs Leone' (Criminal Appeal 23rd May 1910 - Law Reports Vol. XXI, P. iv, page 27), although those two judgements were not concerned directly with the application of Section 92 but with Section 94. Of course, though the crime under Section 92 does not arise, according to this doctrine, where the threat or insult is committed in the absence of the Judge, Magistrate or other judicial functionary, the offence of insult or threat under Sections 263, 265, 353(i)(e), as the case may be, will always remain and the offender may be punished under these provisions. In other words, where the threat or insult is committed in the absence of the functionary it is dealt with as a threat or insult against any other private individual, but of course the character of the person offended may be taken into consideration in assessing an adequate punishment."**

Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali mhuwiex applikabbli. Hawn si tratta ta' theddid li allegatament sar mhux fil-prezenza tal-gudikant, u b'hekk l-imsemmi artikolu huwa applikabbli.

L-ewwel Qorti pero` qalet aktar, u cioe` li "fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-purtier John Francica li sema' diskors

1 Revised Edition 1954 - 1955, p. 45.

izda li kien differenti u li ma jikkostitwixxi ebda theddid jew ingurja u billi l-imputat cahad kollox fl-istqarrija, jirrizulta konflitt serju fil-provi".

Ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Issa, dan il-kaz origina minn diskors li l-Marixxal Croce Briffa rrapporta li sema' lill-appellant jghid barra l-awla tal-Qorti Kriminali fejn kien qieghed jinstema' l-guri ta' hu l-appellant. **Il-Marixxal Briffa** xehed kif hin minnhom hu u l-Purtier John Francica kienu hdejn il-bieb ta' l-Awla meta mar fuqhom P.C. 554 George Zammit biex jindikalhom li l-appellat, li kien hareg mill-Awla, kien qed ikellem lix-xhieda. Ix-xhud jghid li mar fuq l-appellant u qallu li jekk huwa xhud jew qieghed jisma' gewwa l-Awla ma jistax ikellem xhieda u l-appellat wiegbu li mhuwiex xhud. Il-Marixxal Briffa jghid li hu rega' mar f'postu hdejn l-Awla u wara ftit tal-hin l-appellat mar lejh u sar dan id-diskors:

"'Intom it-tnejn marixxalli?' Ghidtlu 'iva' jien u rajtu daqsxejn bin-nervi. Ghidtlu 'ikkalma, ikkalma' jien. Qalli 'ghax ma nahsibiex darbtejn biex nitla' ghal dak ta' hemm fuq'. Jiena fhimtu ghall-Imhallef, pero` ma nqala' xejn. Jigifieri dakinhar hu rega' mar bilqieghda fuq il-bank u ma kien hemm l-ebda vwoldieri inkwiet iehor…. Pero` ghandi nghid li kien daqsxejn qisu bir-rabja. Imma ma nqala' xejn vwoldieri."

---

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Il-Marixxal Briffa jghid li John Francica kien hdejh dak il-hin.

Meta xehed il-**Purtier John Francica**, dan ikkonferma li mar P.C. Zammit jghidilhom li hemm xi hadd li hareg mill-Awla qed ikellem ix-xhieda. Dwar xi diskors li ntqal wara mill-appellat, qal li sema' lill-appellat jghid li mhuwiex jissaporti jara lill-Imhallef u lill-prosekutur isaqsu hafna gideb lil huh. Pero` ma semghux jghid il-kliem "nitla' ghal dak ta' hemm fuq". Jghid pero` li l-appellat kien irrabjat.

**L-appellat**, fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija, isostni li meta hareg mill-Awla ma ghadda l-ebda kummenti u li ma kienx irrabjat izda xi ftit emozzjonat.

Huh **Louis Bugeja** xehed li l-uniku diskors li ntqal mill-appellat kien li kien qed ihoss hafna bard u hu wiegbu billi qallu jmur lejn id-dar.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda *viva voce*, huwa aktar verosimili li l-appellat, li jidher li kien irrabjat, ghadda xi kummenti dwar l-andament tal-guri. Huwa veru li John Francica ma jghidx li sema' lill-appellat jghid "nitla' ghal dak ta' hemm fuq", izda mill-banda l-ohra Croce Briffa ma jghidx li sema' lill-appellat jghid li mhuwiex jissaportihom isaqsuh hafna gideb. Dan ma jfissirx li l-appellat ma lissen l-ebda diskors izda jfisser biss li dawn iz-zewg xhieda semmew dak li ftakru li laqathom mid-diskors li l-appellat lissen. U din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-appellat kien qieghed jirreferi ghall-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-guri meta qal "nitla' ghal dak t'hemm fuq". B'mod partikolari l-Marixxal Croce Briffa, tant ippreokkupa ruhu bid-diskors li kien sema', li *a tempo vergine* nforma lill-Imhallef Joseph Galea Debono li kien qieghed jippresjedi l-guri b'dak li kien gara u konsegwentement giet infurmata minnufih il-Pulizija. Dawn il-proceduri mbaghad ittiehdu fuq kwerela ta' l-Imhallef Galea Debono stess.

Id-diskors li l-appellat qal, kif rapportat mill-Marixxal Briffa, jikkostitwixxi theddid fil-konfront tal-kwerelant, u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali. B'hekk it-

tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellat giet debitament ippruvata.

Kwantu ghall-piena, huwa rilevanti li jigi kkwotat dak li l-appellat stess qal fl-istqarrija tieghu:

"… ghalija l-Imhallef qed jaghmel xoghlu u ghandi kull rispett lejh u lejn ix-xoghol tieghu u ghalkemm jiena ma ghidt xejn fil-konfront tieghu qed niskuza ruhi bil-quddiem jekk bl-emozzjoni tieghi stajt inqast f'xi haga."

Huwa parti minn xoghol il-gudikant li jaghmel ricerka ghall-verita` u mhux qieghed hemm biex joghgob parti jew ohra. Ghalhekk huwa importanti li l-gudikant ikun jista' jaghmel dan ix-xoghol essenzjali ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja minghajr ma jinqalghu incidenti bhal dak odjern. Fortunatament dan kien kaz ta' diskors biss li ntqal f'mument ta' "emozzjoni" (kif jirreferi ghall-istat tieghu l-appellat) jew "rabja" (kif jirreferu ghall-istat ta' l-appellat ix-xhieda fuq imsemmija tal-prosekuzzjoni). U mill-bran suriferit jidher li l-appellat stess irrejalizza li seta' qal xi haga li ma jmissux qal. Ghalhekk dan mhuwiex kaz li jimmerita piena restrittiva ghal-liberta` ta' l-appellat izda hemm lok li jigi pprovdut ghas-sigurta` tal-kwerelant kif ukoll ghal dik tax-xiehda Croce Briffa u John Francica.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-appellat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u lliberatu minn dik l-imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha u minflok tiddikjarah hati tat-tieni imputazzjoni fis-sens li fis-16 ta' Novembru 2004 ghall-habta ta' xi 18.20 fil-bini tal-Qorti ta' Malta, Triq ir-Repubblika, Valletta, ghamel lill-Imhallef Joseph Galea Debono theddid bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali u, wara li rat l-artikoli 339(1)(e) u 383 tal-Kap. 9, tordna lill-appellat jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu bil-miktub bil-mod infraskritt.

## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG. JUR. (EUR. LAW)

**App. Nru. 285/04DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Bugeja**

**Illum, 22 ta' Gunju 2005**

**Obbligazzjoni skond l-artikoli 383 *et seq*. tal-Kap. 9**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza ta' din il-Qorti tallum stess fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Bugeja**, jien hawn taht iffirmat, **Carmelo Bugeja**, nobbliga ruhi li nzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nimmolestax, ma ningurjax u ma nheddidx lill-Imhallef Joseph Galea Debono, lill-Marixxal Croce Briffa u lill-Purtier John Francica u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn

din l-obbligazzjoni nobbliga ruhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm100) penali ordnata bis-sentenza msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal tnax-il xahar millum.

_____________________________

Carmelo Bugeja

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 22 ta' Gunju 2005

______________________________

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------